MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 7/2012

**Alfred Littlejohn**

**vs**

**The French Embassy in Malta**

**Il-Qorti**

**Rat** li t-Tribunal Industrijali (Decizjoni numru 2125) fil-kaz numru 2956 fl-istess ismijiet premessi fl-20 ta' Frar 2012 iddecieda kif gej dwar l-imsemmija vertenza li kienet tirrigwarda allegazzjoni ta' tkeccija ngusta minn impieg. Din id-decizjoni giet miktuba bil-lingwa Ingliza, kif jidher li jigu miktubin tali decizjoniiet:-

*"The Tribunal held two sittings.*

*Alfred Littlejohn, hereinafter referred to as the "appellant", was assisted by Dr Joanne Vella Cuschieri, while no representative of the French Embassy attended any of the sittings.*

*In his declaration the appellant claimed he had been unjustly dismissed from employment. He stated that on 27th May 2011 Michael Scicluna, the French Ambassador's driver phoned him to say he was unwell and could not attend for work. His employment was as driver with the Embassy and he found no objection to do duties for the day as the Ambassador's driver. However he immediately informed his superior and also the Ambassador himself that he had an appointment fixed for after 5 pm and would be unable to remain on duty after this time. They both told him this was no problem. When it was time for him to leave at 5 pm for the appointment the Ambassador objected strongly and expected him to cancel his appointment and stay on duty. This notwithstanding that the Ambassador had earlier accepted that he would not stay after 5 pm and had in his presence booked a taxi to replace him.*

*The French Embassy did not submit a declaration of its case as requested in the Tribunal's letter dated 3rd October 2011. No representative of the French Embassy attended the first sitting on 7th November 2011 and the case was adjourned to 16th January 2012. The Tribunal ruled that if the French Embassy failed to file a Declaration of Case and failed to attend for the adjourned sitting the Tribunal would hear the appellant's pleas and give a decision. Although the French Embassy was notified of the Tribunal's ruling and acknowledged receipt of same it did not comply and once again no representative of the Embassy attended the sitting.*

*In its letter of dismissal the French Embassy informed appellant that it was disappointed with his negative attitude during the last days at work, that he loudly complained to staff about the delay in his lunch break due to the Ambassador's schedule although this was an exceptional event, that he left the Embassy premises without driving the Ambassador to his residence and did not park the car in the appropriate garage with security consequences.*

*The appellant contested these claims as absolutely unfounded and stated that during more than 20 years of service he was never given any warning.*

*The Tribunal observes that appellant was summarily dismissed and not given any opportunity to defend himself.*

*Since the French Embassy ignored the ruling given by the Tribunal and is in contempt of Court, the Tribunal has no option but to decide the case on the basis of submissions by the appellant.*

*It therefore considers that the dismissal was unfair and decides that the French Embassy has to pay compensation to appellant in the amount of €16000 (sixteen thousand euros) within one month of the date of this decision.*

*It was not possible for the Tribunal to decide the case within the period established by law because of the necessity for an adjournment and lack of facilities.*

*For the purposes of Legal Notice Number 48 of 1986 the Tribunal determines the fee of the lawyer who assisted the appellant in the amount of € 94 (ninety four euros).*

*Thus it finally determines this employment dispute."*

**Rat** li l-ambaxxata Franciza f'Malta hassitha aggravata b'din id-decizjoni u ppresentat appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-imsemmija ambaxxata Franciza f'Malta fejn gie premess:-

Illi permezz ta' rikors intavolat fit-23 ta' Settembru 2011 Alfred Littlejohn espona illi:

"illi huwa kien impjegat bhala driver fuq bazi fulltime ma' l-Ambaxxata intimata u dan ghal perjodu ta' aktar minn wiehed u ghoxrin sena cioe mill-1 ta' Lulju 1990.

Illi l-hinijiet normali tax-xoghol tieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin kienu mit-8.30 a.m. sal-5.00 p.m.

Illi r-rikorrenti qatt ma kellu problemi waqt xogholu tant illi qatt ma kellu l-ebda warning tul is-snn tieghu impjegat ma l-Ambaxxata;

Illi nhar is-27 ta' Mejju 2011 r-rikorrenti cempillu d-driver tal-Ambaxxatur Michael Scicluna stante illi x-xoghol r-rikorrenti normalment kien driver ma' l-ufficcju u mhux mal-Ambaxxatur., fejn gie infurmat illi dan id-driver kien marid u ma setax jidhol ghax-xoghol. Huwa ma sab l-ebda problema li jiehu post id-driver ta' l-ambaxxatur izda mill-ewwel informa lil ta' fuqu kif ukoll lill-Ambaxxatur innifsu li dak inhar kellu appuntament issetjat wara l-5.00 p.m. ghalhekk ma setax idum aktar mill-5.00 p.m. u x'hin qalilhom dawn qalulu li ma kienetx problema.

Illi wara sahansitra dak inhar lanqas break ma rnexxielu jiehu minhabba l-bosta qadjiet li baghtuh jghamel fil-5.00 ta' filghaxija x'hin gie biex jitlaq stante l-appuntament imsemmi, l-Ambaxxatur li filghodu kien qallu li m'hemmx problema tant li bbukkja taxi quddiem ir-rikorrenti, deher li hada bil-kbira ghaliex ir-rikorrenti kellu jitlaq fil-5.00 p.m. u l-istess Ambaxxatur kien biss f'dan il-hin li ppretenda li r-rikorrenti ihassar l-appuntament tieghu u dan b'mod arroganti. Fil-fatt aktar tard l-Ambaxxatur cempel lir-rikorrenti u qallu li kien qed ikeccieh mill-impjieg tieghu.

Illi fil-fatt is-27 ta' Mejju 2011 kienet l-ahhar gurnata li r-rikorrenti dahal ghax-xoghol.

Illi r-rikorrenti isostni li t-tkeccija tieghu mill-impjieg kienet wahda ingusta u invalida fil-Ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li t-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn mal-intimata kienet wahda ingusta u ghalhekk taghti l-provedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini ta l-artiklu 81, tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li r-rikorrenti jigi re-integrat f'xogholu u jithallas kumpens gust."

Illi l-Ambaxxata Franciza f'Malta ma intavolatx risposta.

Illi fl-ghoxrin ta' Frar 2012 it-Tribunal Industrijali wasal ghad-decizzjoni tieghu fejn laqa' t-talba u bil-lingwa Ingliza iddikjara:- "The Tribunal observes that appellant was summarily dismissed and not given any opportunity to defend himself. Since the French Embassy ignored the ruling given by the Tribunal and is in contempt of Court, the Tribunal has no option but to decide the case on the basis of submissions by the appellant. It therefore considers that the dismissal was unfair and decides that the French Embassy has to pay compensation to appellant in the amount of €16000 (sixteen thousand euros) within one month of the date of this decision."

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizzjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi l-umili Appell taghha.

Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita tas-sentenza stante li l-proceduri saru kollha bil-malti, imkien ma kien hemm indikat xi ordni jew talba sabiex il-proceduri

ikomplu bl-ingliz u ghaldaqstant is-sentenza kellha tinghata bil-malti u mhux bl-ingliz.

2. illi fit-tieni lok il-proceduri messhom kienu kollha bl-ingliz u n-notifiki tal-atti messkom kienu ukoll kollha bil-lingwa ingliza stante illi l-Ambaxxata Franciza f'Malta jirraprezenta pajjiz li mhux edott bil-lingwa maltija u ghandu dritt li jircievi l-atti kollha bl-ingliz u li l-proceduri ikunu bl-ingliz.

3. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-notifika ta' kawza kontra Ambaxxata ta' pajjiz ghandha tkun notifikata tramite il-Protocol and Consular Services Directorate tal-Ministeru tal-Affarijiet Barrannin ta' Malta u mhux sempliciment u direttament mibghuta mit-Tribunal lill-Ambaxxata minghajr rispett ta' notifika lejn konvenzjonijiet internazzjonali ta' diplomazija bejn pajjiz u iehor.

4. Illi di piu l-espnenti jaghmel referenza ghall-kawza deciza mit-Tribunal Industrijali fl-ismijiet Carmel sive Charles Borg u l-ambaxxata Franciza f'Malta Kaz Nru 2725/JB deciza fit-23 ta' Lulju 2010 fejn it-Tribunal ikkonkluda illi 'L-Ambaxxata intimate qed isostni li m'hijiex soggetta ghall-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal in vista tal-immunita diplomatika li tgawdi, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz salv kull dritt spettanti sic et quantenus lill-istess rikorrenti' u b'hekk iddispona bil-kawza. Illi f'kawzi ohrajn fejn gew intavolati kawzi kontra Ambaxxati ohrajn dan sar minhabba l-fatt li l-istess Ambaxxati accettaw fil-bidu nett tal-proceduri li jissotomeetu ruhhom volontarjament ghag-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

5. Illi di piu il-kawza kif intavolata kontra 'Ambaxxata Franciza f'Malta' ma traggiex ghax l-Ambaxxata hija rapprezentata minn Ambaxxatur u l-Ambaxxatur tirrapprezenta Gvern li huwa l-Gvern Franciz u ghalhekk anki l-isem l-intimat u kif giet intavolata l-kawza hija nulla u bla effett.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti minn dejjem ikkontesta l-attitudni ta' Alefred Littejhon. Fuq ammissjoni tieghu kien l-istess driver li iddetta lill-ambaxxatur li fil-27 ta' Mejju 2011 ghandu appuntament u ghalhekk l-Ambaxxatur irid jara kif jaghmel biex jasal fejn irid hu minghajru. Illi meta l-Ambaxxatur hass li kellu bzonn id-driver, l-istess driver

abbanduna lill-ambaxxatur u hallieh fejn kien. Jekk din mhiex raguni ghal tkeccija x'inhi.

Ghar-ragunijiet premessi l-appellanti qed jitolbu lil din il-Qorti li tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija mit-Tribunal Industrijali u tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontra Alfred Littlejohn.

**Rat** ir-risposta tal-appellat Alfred Littlejohn fejn gie sottomess:-

(1) Illi preliminarjament jigi eccepit illi l-aggravji ta' l-appellanti ghandhom jigu michuda stante li l-Ambaxxata appellanti fl-ebda parti tal-appell taghha ma hi qed tiprova b'xi mod tiggustifika l-kontumacja taghha u taghti raguni ghalfejn dan ma ghamlitux fil-prim'istanza u ghalhekk fin-nuqqas ta' talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja ai termini ta' l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dan l-appell ghandu jigi michud.

Illi mill-lat ta' gurisprudenza ssir referenza ghad-decizjonijiet segwenti:

(i) **P.L. Joseph Zammit noe vs. Anthony Agius noe** (deciza 6 ta' Gunju, 1994 Appell Kummercjali) kif ukoll **Joseph Vella pro et neo vs. John Vella** (deciza nhar il-21 ta' Mejju, 1993 Appell Kummercjali) fejn fiz-zewg decizjonijiet gie konfermat illi l-appellant li jkun kontumaci ma jistax jissottometti aggravji tieghu qabel ma jiggustifika l-kontumacja tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti.

(ii) **Vivian Charmain Mizzi vs. Carmel Mizzi** (deciza nhar it-13 ta' Lulju, 2001 mill-Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat kif isegwi:

'l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citata biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa.'

Illi fil-mertu ssir referenza ghall-istess appell tal-Ambaxxata appellanta fejn mkien ma huwa kontestat li fil-fatt l-Ambaxxata kienet notifikata bil-proceduri u kienet ghazla volontarja taghha li ghazlet li ma tikkontestax l-istess fil-prim'istanza u kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Carmelo Galea vs. Olga Agius, Vince Agius u Pauline Agius** (deciza nhar il-15 ta' Dicembru, 2003, Prim'Awla) 'Il-kontumacja ma tistax tiigi gustifikata jekk kienet volontarja'.

(2) Illi preliminarjament ukoll, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-Ambaxxata appellanti qed tipprova taprofitta ruhha mill-procedura tal-appell biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet taghha fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fosthom stante illi:-

a) Hija naqset milli b'xi mod tikkontesta it-talba tar-rikorrent.

b) Hija naqset milli b'xi mod tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha quddiem l-istess Tribunal anki ai termini ta' l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta anki meta huwa fatt risaput li l-procedura quddiem it-Tribunal Industrijali mihiex wahda daqshekk stretta u li kieku l-Ambaxxata mill-anqas indenjat tidher quddiem it-Tribunal u titlob zmien biex taghmel risposta, dan iz-zmien zgur li kien inghata lilha mit-Tribunal.

c) Illi l-istess appellanti naqset milli sahasnitra tiprevalixxi ruhha mill-fakulta' moghtija lil bil-ligi ai termini tal-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li titlob lit-Tribunal sabiex taghmel sottomissjonijiet bil-miktub sabiex tiddefendi ruhha mit-talba tar-rikorrent.

d) L-appellanti nonostante li kienet qed tigi debitament notifikata b'kull verbal ta' smiegh quddiem it-Tribunal persistentement u bi sfida cara lejn l-Awtorita' tat-Tribunal naqset milli tidher quddiem l-istess Tribunal.

Illi mill-lat ta' gurisprudenza terga' ssir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Vivian Charmaine Mizzi vs. Carmel Mizzi** deciza nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fejn dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Illi l-hames aggravju, cioe' dak li jikoncerna l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, ghandu aktar minn natura ta' eccezzjoni moghtija fil-mori tal-kawza. Issa ghalkemm huwa minnu li l-preskrizzjoni tista' tigi sollevata u eccepita f'kull stadju tal-proceduri minghajr riserva – anke fl-istadju ta' l-appell – jigi rilevat li f'dawn il-proceduri l-konvenut appellant kien gie dikjarat kontumaci u l-eccezzjonijiet tieghu sfilzati. Isegwi li mhux permess ghall-konvenut li jressaq ebda eccessjoni, inkluza dik tal-preskrizzjoni, ghax jekk dan isir l-istess konvenut jkun qieghed, b'dan il-mod, jissana l-posizzjoni tieghu ta' kontumaci. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux ammissibbli u konsegwentement l-aggravju mhux gustifikat.'

L-istess linja ta' gurisprudenza tinsab fid-decizjonijiet fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe** deciza nhar is-27 ta' Marzu, 1996 mill-Qorti ta' l-Appell u **Joseph Aquilina noe. vs. Lino Debono** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-7 ta' Ottubru, 1997.

Illi l-appellat isostni li l-aggravji kollha mqajjma mill-Ambaxxata appellanti lkoll ghandhom in-natura ta' eccezzjoni aktar milli ta' aggravju f'appell u huwa evidenti li lkoll setghu tqajjmu fl-ewwel stadju minghajr ebda problema li kieku l-Ambaxxata segwiet il-procedura izda dan ma ghamlitux. L-appellat ghalhekk isostni li in vista tas-suespost, f'dan l-istadju dawn l-aggravji sive eccezzjonijiet m'humiex ammissibbli u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta lampanti n-nuqqas estrem ta' nteress da parti tal-Ambaxxata appellanti fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u ghalhekk jigi sottomess illi f'dan l-istadju l-appellanti anki in vista tal-limitazzjonijiet imposti ai termini ta' l-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax ghaliex m'ghogbitiex id-decizjoni moghtija mit-Tribunal tinqeda bil-procedura ta' l-Appell biex tipprova tikkontesta t-talbiet ta' l-esponenti fit-tieni istanza, meta l-istess Ambaxxa ma ghalet l-ebda tentattiv biex dan fil-prim'istanza.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess Ambaxxata permezz tal-aggravji taghha qed tittanta tressaq provi godda quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell meta bhala kontumaci la kienet awtorizzata tressaq provi fil-Prim'Istanza u wisq

anqas hija awtorizzata li tressaq provi fi stadju ta' appell, aktar u aktar meta fil-kaz ta' dawn il-proceduri minn Tribunal Industrijali, id-dritt ta' l-appell fi kwalunkwe kaz normali li jkun kontestat fil-prim'istanza quddiem it-Tribunal huwa limitat biss fuq punti ta' ligi.

(5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-aggravji tal-appellanti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u huma fierha u vessatorji ghall-ahhar u ghalhekk ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez kollha kontra l-Ambaxxata appellant.

(6) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza diretta ghall-ewwel u t-tieni aggravju jigi sottomes li dawn jikkontradixxu lil xulxin u stante li ma sarux bla pregudizzju wiehed ghall-iehor ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt jigi rilevat li filwaqt li fl-ewwel aggravju l-Ambaxxata appellanti qed tissottometti li s-sentenza messha inghatat bil-lingwa Maltija minn naha l-ohra fit-tieni aggravju l-Ambaxxata qed tilmenta li l-proceduri messhom saru bl-Ingliz. Huwa ovvju li aggravju wiehed ma jaghmel l-ebda sens logiku u legali ma' l-iehor u ghalhekk ghandhom jigu respinti fl-interita' taghhom.

(7) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-appellat li kien prezenti meta nghata id-decizjoni ma kellu l-ebda objezzjoni li d-decizjoni tinghata bil-lingwa Ingliza stante li huwa fil-fatt jifhem bil-lingwa Ingliza. Jekk kien hemm parti li kellha dritt toggezzjona li d-decizjoni tinghata bil-lingwa Ingliza kien l-istess rikorrent llum appellat stante li se mai kien fl-interess tieghu li d-decizjoni tinghata b'lingwa li huwa jifhem (aktar u aktar meta l-istess Ambaxxata qed tipretendi li l-proceduri kellhom ikunu bl-Ingliz) u la darba r-rikorrent ma kellu l-ebda objezzjoni, issa f'dan l-istadju ta' appell, l-Ambaxxata appellanti ma tistax teccepixxi n-nullita tad-decizjoni ghaliex inghata bil-lingwa Ingliza meta effettivament fit-tieni aggravju taghha l-istess Ambaxxata qed teccepixxi n-nullita tad-decizjoni ghaliex il-proceduri ma sarux bl-Ingliz. Huwa ovvju li aggravju ma jmurx ma' l-iehor u dan l-ewwel aggravju ghandu jigi michud.

Illi in oltre ssir analogija ma' decizjonijiet ta' Tribunal iehor, cioe' dawk tat-Tribunal ghar-Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar li tista' tghid kollha jinghataw parti bil-lingwa Ingliza u parti bil-lingwa Maltija ghaliex fl-istess decizjonijiet jigu kkwotati ssottomissjonijiet tal-Awtorita' li ghal xi raguni dejjem isiru bl-Ingliz. Jigi rilevat li dan

il-fattur, ghalkemm forsi mhux proceduralment felici, qatt ma wassal ghan-nullita ta' l-ebda minn dawn id-decizjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti jew Qrati ohra.

(8) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, jigi rilevat li l-fatt li d-decizjoni inghatat bil-lingwa Ingliza, stante li jirrizulta li bla ebda mod ma gew lezi xi drittijiet tal-partijiet, ma ggibx in-nullita tad-decizjoni kif qed tipretendi l-istess Ambaxxata.

(9) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'referenza ghat-tieni aggravju jigi rielvat li dan facilment seta jitqajjem bhala eccezzjoni mill-Ambaxxata appellanta quddiem it-Tribunal Industrijali fl-istadju opportun izda l-Ambaxxata ghazlet volontarjament li dan ma taghmlux. F'dak l-istadju t-Tribunal kien ikun obbligat li jaghti l-ordnijiet opportuni izda jigi sottomess li l-Ambaxxata appellata ma tistax, f'dan l-istadju, wara li ghazlet li ma taghmel xejn fil-prim'istanza tqajjem din l-eccezzjoni favur taghha f'forma ta' aggravju fl-appell, aktar u aktar meta b'mod facli ghall-ahhar u minghajr ebda diffikulta hija prezentat appell bil-lingwa Maltija. Inoltre, jigi wkoll rilevat li huwa fatt maghruf li l-Ambaxxata intimata timpjega maghha nies li jaghmlu traduzzjonijiet mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u Franciza u ghalhekk certament ma jistax jinghad li ma kellhomx mod kif ikunu jafu l-kontenut ta' dak li kienu qed jircievu. Apparti minn hekk issir ukoll referenza ghal kazi ohra li nfethu minn impjegati ohra kontra l-istess Ambaxxata fosthom dik bl-ismjiet 'Josephine Aquilina vs. L-Ambaxxata ta' Franza f'Malta et' deciza nhar it-13 ta' Novembru, 2002 fejn il-proceduri kienu saru bil-Malti u fl-ebda hin ma saret xi oggezzjoni da parti tal-istess Ambaxxata llum appellanti sabiex il-proceduri jsiru b'xi lingwa ohra u mhux il-Malti. Mela l-appellanti f'dak il-kaz kellha mezz biex tifhem bil-Malti u issa le, ghaliex huwa konvenjenti sabiex jigi ntavolat aggravju fl-appell!

(10) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'referenza ghat-tielet aggravju, jigi rilevat li mhux car x'inhu l-ilment ta' l-Ambaxxata f'dan l-aggravju u dan stante li filwaqt li mihiex qed teccepixxi xi nullita tan-notifika ai termini ta' xi artikolu fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tistrieh fuq allegati 'konvenzjonijiet internazzjonali' li ma saret l-ebda referenza diretta ghalihom jew fejn jinsabu miktuba u wisq anqas jinghad x'inhuma u l-Ambaxxata appellanti qed tipretendi li din l-Onorabbli Qorti toqghod fuq dak li qed tallega l-Ambaxxata. Fuq kollox, dan huwa wkoll aggravju li facilment seta' jitqajjem fil-Prim'Istanza quddiem it-Tribunal li kien jaghti l-

provedimenti opportuni jew decizjoni dwaru, izda jerga jigi emfasizzat li l-Ambaxxata appelalnti volontarjament ghazlet li dan ma taghmlux.

(10) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghar-raba' aggravju fejn tissemma id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet 'Carmel sive Charles Borg vs. L-Ambaxxata Franciza f'Malta u l-Gvern ta' Franza et' deciza fit-23 ta' Lulju, 2010 jigi rilevat li dik l-istess decizjoni ma jista' jkollha l-ebda komfort ghal dan il-kaz stante li fid-decizjoni kkwotata l-Ambaxxata kienet dehret fil-Prim'Istanza u ressqet l-eccezzjonijiet taghha, meta f'dan il-kaz l-Ambaxxata appellanti volontarjament ghazlet li dan ma taghmlux. Jigi sottomess li issa fi stadju ta' appell ma tistax l-Ambaxxata appellanti tipretendi li tistrieh fuq xi eccezzjonijiet li hija ressqet fi proceduri kompletament estranei ghal dawn il-proceduri. Se mai dik id-decizjoni li hija pjuttost recenti hija prova cara kontra l-Ambaxxata Franciza li kienet taf ben tajjeb x'ghandha taghmel, cioe' li jekk jidhrilha tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-Prim'Istanza ghaliex gia kellha xofa izda xorta wahda ghazlet li dan ma taghmlux.

Illi in oltre permezz ta' dan l-aggravju jidher illi l-Ambaxxata qed tallega li t-Tribunal Industrijali ma kellux gurisdizzjoni fuq l-ilment ta' tkeccija ingusta da parti tal-appellat semplicement ghaliex kien impjegat tal-Ambaxxata Franciza.

Illi umilment l-appellat ma jaqbel xejn ma din is-sottomissjoni principalment ghaz-zewg ragunijiet segwenti:

(i) Illi l-istess gurisprudenza tikkontradixxi dak li qed tallega l-appellanti:

- Fil-kaz fl-ismijiet 'Stephen Xuereb u Il-Gvern ta' l-Iastati uniti ta' l-Amerika rapprezentat mill-Ambaxxata ta' l-istati Uniti f'Malta' deciz nhar it-8 ta' Jannar, 2004 mit-Tribunal Industrijali, dak it-Tribunal ma sab l-ebda problema fuq gurisdizzjoni nonostante li l-intimat kienet Ambaxxata u proceda sabiex jaghti decizjoni fuq l-allegata tkeccija igusta.

- Fil-kaz fl-ismijiet 'Simon Tonna vs. l-Ambaxxata Amerikara f'Malta" deciza mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Lulju, 2011 ghalkemm din kienet kawza wkoll ta' allegata tkeccija ngusta li nfethet kontra Ambaxxata, f'dak il-kaz mkien ma nqalghet il-kwistjoni ta' xi nuqqas ta' gurisdizzjoni tant illi t-Tribunal Industrijali proceda sabiex jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu. In oltre fl-ebda parti minn dawn il-proceduri ma kien hemm jew giet rikjesta xi dikjarazzjoni da parti tal-Ambaxxata li b'xi mod kienet volontarjament qed toqghod ghal gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali. Jigi rilevat li din id-decizjoni nghatat wara dik ikkwotata mill-Ambaxxata appellant.

(ii) Illi ssir ukoll referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Umani fl-ismijiet **Cudak vs. Lithuania** bin-numru 15869/02 moghtija fit-23 ta' Marzu, 2010 (EHRLR 435) liema kaz kien jirrigwarda allegata tkeccija ingusta ta' persuna ta' nazzjonalita' Litwana li kienet impjegata bhala segretarja mill-Ambaxxata Pollakka. F'dak il-kaz ghalkemm l-applikanta fittxet rimedju fil-Qrati Litwani dawn iddikjaraw li ma kellhomx gurisdizzjoni minhabba l-Immunita diplomatika.

L-impjegata fittxet rimedju mill-Qorti ta' Strasburgu wara li argumentat li hija kieet giet imcahhda mid-dritt taghha ta' ghall-access ghall qorti bi ksur tad-drittijiet taghha taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijeit tal-Bniedem (1950).

F'dan il-kaz il-Qorti ta' Strasburgu iddecidiet li l-ilment tal-impjegata kien gjustifikat u li l-artikolu 6 (1) kien applikabbli u li fil-kaz ta' dik l-impjegata kienet miksura din id-disposizzjoni . Il-Qorti ta' Strasburgu sahansitra ordnat li kellha tithallas is-somma ta' €10,000 bhala danni lill-applikanta. L-istess Qorti qalet ukoll li l-eccezzjoni li l-impjegata setghet fittxet rimedju fil-Qrati tal-Polonja ma kienx rimedju realistiku.

Ghalhekk jigi sottomess li f'kaz li dan l-aggravju mressaq mill-Ambaxxata jigi milqugh minn din l-Onorabbli Qorti, l-istess decizjoni tkun bi ksur tad-dritt ta' l-appellant ai termini tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedex ghall-access ghall-qorti kif ukoll elenkat fil-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artikolu 39.

(11) Illi minghajr preguidzzju ghas-suespost, b'referenza ghall-hames aggravju jigi rilevat li l-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti dritt lir-rikorrent llum appellat sabiex jiftah kaz quddiem it-Tribunal kontra min jimpjegah. Din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna taghmel referenza ghad-dokumenti AL 2u u AL 3 esebiti mad-dikjarazzjoni tal-kaz ta' l-appellat minn fejn jidher car ddikjarat li 'l-employer' huwa l-Ambaxxata Franciza u sahansitra hemm it-timbru. Ghalhekk jirrizulta li r-rikors quddiem it-Tribunal sar kontra l-persuna li ddikjarat li timpjega lill-appellat u ghalhekk l-okkju huwa validu ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-Ambaxxata. Altrimenti, wiehed jidhol f'argument ferm aktar serju fejn l-Ambaxxata ikkomettiet frodi fil-firma ta' dawn id-dokumenti li jirraprezentaw relazzjoni kuntrattwali bejn l-impjegat f'dan il-kaz Alfred Littlejohn u l-istess ambaxxata.

Illi anki f'dan il-kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li din ukoll hija eccezzjoni li setghet facilment titqajjem mill-Ambaxxata fil-prim'istanza izda ghal darb'ohra din ghazlet li toqghod fomma siekta sakemm il-kawza waslet fi stadju ta' appell.

(12) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghas-sitt aggravju huwa evidenti li dan huwa aggravju unikament fuq il-mertu. Jigi rilevat li din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindaka decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali fejn jidhol il-mertu.

Illi dwar dan il-punt fil-kaz fl-ismijiet **Joan Montanaro vs. Baystreet et** deciza nhar it-13 ta' Marzu, 2009 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ukoll minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

'L-osservazzjoni generali li fl-ewwel lok trid taghmel il-Qorti in mertu ghall-aggravji sottoposti lilha hi din. Anke indipendentement mill-konsiderazzjoni tal-pregudizzjali sollevata mill-appellata ta' l-inammissibilita` ta' l-appell in kwantu dan ma jmissx "punt ta' ligi", il-Qorti ghandha, fil-konsiderazzjoni tal-valutazzjoni tal-provi mill-ewwel tribunal, tkun gwidata minn dawn ir-regoli, bosta drabi kkumentati minn din l-istess Qorti kif presjeduta fi skorta kbira ta' sentenzi:-

(1) Ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja tal-provi u kollox hu rimess ghall-gudizzju diskrezzjonali tal-gudikant adit mill-mertu. Il-valutazzjoni tar-rizultanzi istruttorji jidhol fil-kompitu istituzzjonali ta' l-ewwel tribunal u dan hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu fuq dawk l- elementi tal-provi li hu jqishom l-aktar attendibbli ghall- formazzjoni tal-konvinciment tieghu.

(2) Xejn ma jzomm lit-tribunal milli f'dik il- valutazzjoni jattribwixxi importanza magguri lil certi elementi ta' provi fuq ohrajn. Lanqas ma hu obbligat li joqghod jaghmel apprezzament analitiku tar-rizultanzi processwali kollha u lanqas li joqghod jikkonfuta kull argoment singolari prospettat mill-partijiet. Sufficjenti li wara li jevalwahom fil-kumpless taghhom huwa jindika dawk l-elementi li fuqhom jintendi jibbaza l-konvinciment tieghu u jaghti hjiel tal-perkors minnu segwit biex jasal ghal konkluzjoni tieghu. Dan permezz ta' motivazzjoni adegwata li turi li dak il-konvinciment u dik il-konkluzjoni gew raggunti minn evalwazzjoni tal-provi varji konsiderati fil-kumpless taghhom;

Forsi b'aktar kjarezza linejari jista' jinghad illi jaqa' fil-kompetenza ta' l-ewwel tribunal il-kompitu esklussiv:-

i. li jindividwa l-fonti tal-konvinciment tieghu;

ii. li jezamina l-provi u jikkontrolla l-attendibilita taghhom;

iii. li jaghzel mir-rizultanzi istruttorji dawk l-elementi ta' prova li hu jirritjeni l-aktar idoneji biex jiddemostraw il-fatti in kontestazzjoni;

iv. li jaghti prevalenza lil certi elementi ta' prova fuq ohrajn;

F'dan kollu l-unika limitazzjoni imposta fuqu ex-lege hi dik li jaghti r-ragunijiet motivati li jsawru l-ezitu tal-procediment valutattiv tieghu (Artikolu 218, Kapitolu 12).'

Illi jigi sottomess li fis-sitt aggravju mressaq mill-Ambaxxata appellanti huwa evidenti li l-Ambaxxata ma' qablitx ma' kif it-Tribunal Industrijali analizza l-fatti u wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Fl-istess hin l-Ambaxxata tinjora ghal kollox li t-Tribunal analizza sew ir-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti ghal dak li gara u li wassal ghat-tkeccija tieghu u marret ferm oltre l-argument fjakk imqajjem f'dan l-aggravju u xorta wahda sabet li tkeccija kienet wahda ingusta. In-nuqqas ta' qbil da parti tal-Ambaxxata, aktar u aktar meta hija ghazlet li ma tikkontestax dak allegat u wisq anqas ressqet provi sabiex tirribatti, ma jaghtix id-dritt ta' appell lill-appellanti u

ghaldaqstant dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-Ambaxxata appellanti.

Ghall-imsemmija ragunijiet l-appellat qed jitlob li din il-Qorti tichad l-aggravji kollha kontenuti fl-appell tal-Ambaxxata appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell, kif ukoll l-atti kif kompilati mill-imsemmi Tribunal Industrijali;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** in-nota ta' osservazzjonijiet tal-appellanti Ambaxxata Franciza f'Malta.

**Rat** in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-appellat Alfred Littlejohn.

**Rat** il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2012 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li setghet tinghata s-sentenza.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

L-Artikolu 208(2) tal-Kap 12 jipprovdi testwalment – *"jekk fil-qorti tal-ewwel grad il-konvenut ma jkunx ippreżenta r-risposta ġuramentata kif inhuwa msemmi fl-artikolu 158 u jkun naqas li jidher għas-smigħ tal-kawża, huwa ma jkunx jista' jġib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix raġuni tajba, fil-fehma tal-qorti, li għaliha huwa jkun naqas."*

Skond dawn il-provedimenti fl-istadju ta' appell il-konvenut, li ma jkunx ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni imsemmija fl-artikolu 158, u jkun naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza, ma jkunx jista` jgib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix raguni tajba. Kwindi hu ovvju li min ghandu jigi kkonsidrat li hu kontumaci xorta wahda jukn jista jappella. Dan hu evidenti ukoll minn dak li hu p-provdut fl-imsemmi artikolu 158. Dan kollu qed jigi rilevat stante li jidher li l-appellat jikkontendi li l-kontumaci lanqas ma jista jappella.

Kwantu ghall-aggravji elenkati mill-Ambaxxata appellanti din il-Qorti tirrileva li fl-ewwel aggravju hi eccepita n-nullita' tad-decizjoni appellata in vista tal-fatt li l-proceduri saru kollha bil-Malti u mkien ma hemm indikat li nghatat ordni jew saret talba sabiex il-proceduri jissoktaw bil-lingwa Ingliza jew li s-sentenza tigi miktuba bl-istess lingwa. L-apellanti jippretendu li ghalhekk is-sentenza kellha tinkiteb bil-malti, b'liema lingwa gew kondotti l-proceduri.

Hu indiskuss li dan l-ewwel aggravju, anke jekk jirrizulta li hu fondat,  ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza jew tal-proċeduri. Hu minnu li filwaqt li t-Tribunal Industrijali għamel użu mill-lingwa Maltija bhala l-lingwa tal-proceduri, pero' imbagħad ippronunzja s-sentenza bil-lingwa Ingliża, mingħajr ma tirriżulta ebda talba jew ordni għal dan. Dan il-fatt jista jittiehed li mhux desiderabbli, u jista jkun li kien ikun aħjar illi kieku l-proċeduri tmexxew b'lingwa waħda mill-bidu sal-aħħar u ċioe jew bl-Ingliż jew bil-Malti. Pero il-fatt illi dan ma sarx ma jwassalx għan-nullita' tas-sentenza jew għan-nullita' tal-proċeduri.

Kwantu ghal dak li gie sottomess mill-appellanti fir-rigward tal-kumplament tal-aggravji ghandu jigi rilevat li b'dawn tqajjmu kwestjonijiet, li essenzjalment huma

eccezzjonijiet li misshom tqajjmu, semmai quddiem it-Tribunal qabel ma dan iddecieda l-vertenza.

It-Tribunal, effettivament iddecieda jekk l-appellat Littlejohn kellux l-impieg tieghu mal-Ambaxxata appellanti terminat ingustament. L-appellanti qed jissollevaw f’dan l-istadju tal-appell kwestjonijiet godda li zgur ma gewx determinati mit-Tribunal. Inoltre l-imsemmija aggravji l-ohra jirrikjedu minn din il-Qorti apprezzament ta’ fatti, liema esercizzju ghandu jsir mill-ewwel qorti, cioe’, f’dan il-kaz mit-Tribunal. Fit-tieni aggravju l-Ambaxxata appellanti tilmenta illi n-notifiki kienu bil-Malti. Fit-tielet aggravju tilmenta illi in-notifika lilha ma saritx skond kif trid il-ligi. Fir-raba aggravju l-Ambaxxata tallega li hija ma kenitx soġġetta għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Fil-ħames aggravju tallega illi l-kawża ġiet intavolata ħażin u fl-aħħar aggravju, u ċioe is-sitt wieħed, tilmenta illi hija kellha raġuni tajba tittermina l-impjieg tal-appellat.

Kif rilevat dawn il-kwestjonijiet kollha ma gewx sollevati quddiem it-Tribunal, in vista tal-fatt li l-appellanti volontarjament naqsu mill-jirrispondu ghal pretensjonijiet tal-appellat u naqsu ukoll milli jidhru ghas-smiegh. L-appellanti ma jistghux issa li t-Tribunal iddecieda kontra taghhom, iqajmu dawn l-eccezzjonijiet f’dan l-istadju ta’appell. Inoltre il-kwestjonijiet sollevati mill-appellanti fil-presenti stadju essenzjalment jinvolvu punti ta’ fatt li m’ghandhomx jigu decizi minn Qorti ta’ revizjoni. Diversi drabi gie deciz li din il-Qorti m’ghandhiex terga taghmel apprezzament tal-provi, stante li dan suppost ikun sar mill-ewwel qorti jew tribunal u dejjem kemm il-darba li tali apprezzament tal-ewwel qorti ikun ben ibbazat fuq il-provi prodotti u fuq ir-rizultanzi. Una volta li l-aggravji numru tnejn sa’ sitta huma dwar punt ta’ fatt u mhux punt ta’ dritt, kif ukoll huma punti illi ma tqajjmux quddiem it-Tribunal, din il-Qorti mhux ser tikkonsidrahom ulterjorment.

Ghalhekk l-appell ghandu jigi michud u stante li dan l-appell jirrizulta li hu vessatorju, bl-applikazzjoni tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Ambaxxata appellanti ghandha tigi kkundannata thallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-Ambaxxata Franciza f'Malta u tikkonferma fit-totalita' taghha d-decizjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-20 ta' Frar 2012. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Mata tikkundanna lill-Ambaxxata ta' Franza f'Malta thallas lill-appellat Littlejohn l-ispejjez doppji.

It-terminu ta' xahar li jissemma fid-decizjoni appellata ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------